MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 837/2003

**Pater Finance Company Limited**

**Vs**

**Penza Construction Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm945.00c (disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltin) rapppresentanti import ta' seba' kambjali, wahda ta' Lm45.00c (hamsa u erbghin lira Maltin) (bilanc) u sitta ta' Lm150.00c (mija u hamsin lira Maltin) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2002 sa April 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-Avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 7 konsekuttivament u nklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April, 2003 jammontaw ghal Lm23.00c (tlieta u ghoxrin lira Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u

bl-ispejjez, inkluzi Lm6.00c (sitt liri Maltin) tal-konsult legali kontra s-socjeta’ konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------